Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/2142(INI)

7.11.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża

dwar il-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030: valutazzjoni tal-ħtiġijiet
(2025/2142(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Katri Kulmuni

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jippreżenta lill-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej :

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-għaxar rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti approvat mill-Kunsilli tal-UE u tan-NATO fis-6 ta' Diċembru 2016 u fil-5 ta' Diċembru 2017 u ppubblikat f'Ġunju 2025,

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tas-17 ta' April 2024 ta' Enrico Letta intitolat "Much more than a market" (Ħafna aktar milli suq) (ir-rapport Letta),

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tat-30 ta' Ottubru 2024 ta' Sauli Niinistö intitolat "Safer Together – Strengthening Europe's Civilian and Military Preparedness and Readiness" (Aktar Sikuri Flimkien – It-Tishih tal-Preparatezza u l-Prontezza Ċivili u Militari tal-Ewropa) (ir-rapport Niinistö),

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2025 dwar l-attivitajiet finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment – rapport annwali 2024[1a]***,***
	[1a] ***Testi adottati, P10_TA(2025)0145.***

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-avviż tal-Kummissjoni tat-23 ta' Ġunju 2025 dwar l-applikazzjoni tal-qafas ta' finanzjament sostenibbli u d-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta Korporattiva dwar is-Sostenibbiltà għas-settur tad-difiża,

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport speċjali 04/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-5 ta' Frar 2025 intitolat "Il-mobbiltà militari tal-UE – Ma nkisbitx il-ħeffa massima minħabba dgħufijiet fit-tfassil u ostakli tul ir-rotta",

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi, skont l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), l-infiq fid-difiża tal-Istati Membri, wara tnaqqis fl-2014, laħaq EUR 326 biljun fl-2024, ***jiġifieri*** 1,9 % tal-PDG tagħhom;	A. billi, skont l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), l-infiq fid-difiża tal-Istati Membri, wara tnaqqis fl-2014, laħaq EUR ***343*** biljun fl-2024, ***li jikkorrispondi għal*** 1,9 % tal-PDG tagħhom***, żieda ta' 19 % meta mqabbel mal-2023, u b'hekk jikkostitwixxi l-għaxar sena konsekuttiva ta' tkabbir u gradwalment qed iqarreb lill-Unjoni lejn il-mira preċedenti tan-NATO ta' 2 % tal-PDG; billi, skont l-EDA, l-Istati Membri jistgħu jaqbżu l-linja gwida tan-NATO ta' 2 % fl-2025***;

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi ***l-Kummissjoni tivvaluta li l-ħtieġa ta' investiment addizzjonali fid-difiża tal-Istati Membri hija ta' EUR 800 biljun sal-2023 fl-ambitu tal-pjan "ReArm Europe", u dan ifisser żieda annwali ta' 10 % tal-infiq biex jintlaħqu madwar EUR 575 biljun fl-2023, jiġifieri 3,15 % tal-PDG ikkombinat; billi, fil-proposta tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034, il-Kummissjoni talloka EUR 131 biljun għad-difiża u għall-ispazju, jiġifieri ħames darbiet aktar meta mqabbel mal-perjodu preċedenti***;	B. billi ***r-rapport ta' Niinistö jenfasizza li ż-żieda fil-finanzjament disponibbli għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża hija essenzjali biex tingħeleb il-frammentazzjoni endemika u d-deċennji ta' nuqqas ta' investiment; billi r-rapport ta' Draghi jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċi Ewropej koordinati għall-investiment strateġiku fis-settur tad-difiża; billi l-Kummissjoni tipprovdi lill-Istati Membri appoġġ sa EUR 800 biljun sal-2030 fl-isforzi tagħhom għall-investiment fl-infiq fuq id-difiża permezz ta' miżuri differenti fl-ambitu tal-pjan "ReArm Europe", u dan ifisser żieda annwali ta' 10 % tal-infiq biex jintlaħqu madwar EUR 575 biljun fl-2030, jiġifieri 3,15 % tal-PDG ikkombinat***;

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	B a. billi, fil-proposta tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-2028-2034, il-Kummissjoni talloka EUR 131 biljun għad-difiża u għall-ispazju, jiġifieri ħames darbiet aktar meta mqabbel mal-perjodu preċedenti, b'implikazzjonijiet għad-dixxiplina baġitarja tal-UE u għat-tfassil tal-mekkaniżmi ta' finanzjament relatati mad-difiża;

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	B b. billi, minn Awwissu 2025, 16-il Stat Membru talbu l-użu ta' klawżoli liberatorji nazzjonali u 19-il Stat Membru talbu self skont l-istrument SAFE[1a]***;**
	[1a] ***https://defence-industry-space.ec.europa.eu/document/download/704924ae-3aa2-4bd3-9675-e9cf1e5dfb96_en?filename=communication-to-the-college.pdf.***

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi, skont l-EDA, ***30 %*** tal-infiq fid-difiża tal-Istati Membri fl-2024 ġie ddedikat għall-investiment, li minnu 88,2 % kien għall-akkwist ta' tagħmir ġdid u 11,8 % għar-riċerka u għall-iżvilupp; billi, fil-qafas tal-pjan "ReArm Europe", din iż-żieda għandha tiġġenera tal-inqas EUR 240 biljun f'investimenti addizzjonali sal-2030;	C. billi, skont l-EDA, ***31 %*** tal-infiq fid-difiża tal-Istati Membri fl-2024 ġie ddedikat għall-investiment, li minnu 88,2 % kien għall-akkwist ta' tagħmir ġdid u 11,8 % għar-riċerka u għall-iżvilupp ***(R&Ż); billi l-infiq fuq l-akkwist ta' tagħmir tad-difiża laħaq it-EUR 88 biljun fl-2024, 39 % aktar meta mqabbel mal-2023***; billi, fil-qafas tal-pjan "ReArm

Europe", din iż-żieda għandha tiġġenera tal-inqas EUR 240 biljun f'investimenti addizzjonali sal-2030; ***billi, skont l-EDA, filwaqt li l-infiq fuq ir-R&Ż fil-qasam tad-difiża fl-Istati Membri kien 20 % ogħla fl-2024 milli fl-2023, u laħaq EUR 13-il biljun, "ir-riċerka u t-teknoloġija tad-difiża", subsett tar-R&Ż, għadu lura; billi l-espansjoni tal-akkwist u tar-R&Ż, inkluża r-"ir-riċerka u t-teknoloġija tad-difiża", hija sinifikanti peress li hija mistennija timmobilizza l-ktajjen tal-provvista Ewropej, tistimula l-innovazzjoni teknoloġika u tappoġġja t-tkabbir industrijali, u b'hekk, issaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Ewropa;***

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi, skont studju tal-Kummissjoni, l-SMEs tal-EDTIB jaffaċċjaw aktar diffikultajiet biex jiksbu finanzjament ta' kreditu u mill-bejgħ ta' ishma minn dawk ta' setturi oħra minħabba: (i) l-irregolarità tal-akkwisti pubbliċi u tal-iskadenzi ta' ħlas bejn is-sottokuntratturi, li tnaqqas il-viżibbiltà tal-fluss tal-flus; (ii) l-esklużjoni ta' attivitajiet ta' difiża minn ċerti investituri għal raġunijiet ta' reputazzjoni; u (iii) il-possibbiltajiet limitati ta' ħruġ għall-assi ta' difiża fis-swieq kapitali Ewropej;	F. ***billi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jirrappreżentaw komponent essenzjali tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), li tipprovdi innovazzjoni, flessibbiltà u għarfien espert speċjalizzat;*** billi, skont studju tal-Kummissjoni, l-SMEs tal-EDTIB jaffaċċjaw aktar diffikultajiet biex jiksbu finanzjament ta' kreditu u mill-bejgħ ta' ishma minn dawk ta' setturi oħra minħabba: (i) l-irregolarità tal-akkwisti pubbliċi u tal-iskadenzi ta' ħlas bejn is-sottokuntratturi, li tnaqqas il-viżibbiltà tal-fluss tal-flus; (ii) l-esklużjoni ta' attivitajiet ta' difiża minn ċerti investituri għal raġunijiet ta' reputazzjoni; u (iii) il-possibbiltajiet limitati ta' ħruġ għall-assi ta' difiża fis-swieq kapitali Ewropej; ***billi l-indirizzar ta' tali ostakli ta' finanzjament huwa essenzjali biex l-SMEs relatati mad-difiża jingħataw aċċess ġust għas-swieq kapitali u l-investiment privat, u b'hekk, jittejbu l-kompetittività u r-reżiljenza ekonomika;***

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-bżonnijiet ta' finanzjament addizzjonali għall-EDTIB matul il-perjodu 2025-2030 huma stmati li huma mill-anqas bejn EUR 30 biljun u EUR 40 biljun, li minnhom minn EUR 6 biljun sa EUR 18-il biljun se jkunu ***f'ekwità***;	G. billi l-bżonnijiet ta' finanzjament addizzjonali għall-EDTIB matul il-perjodu 2025-2030 huma stmati li huma tal-anqas bejn EUR 30 biljun u EUR 40 biljun, li minnhom minn EUR 6 biljun sa EUR 18-il biljun ***huwa meħtieġ li jiġu ffinanzjati permezz tal-ekwità; billi dan jenfasizza r-rilevanza tal-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investiment (SIU) tal-UE fil-mobilizzazzjoni tal-kapital privat fit-tul u fl-attrazzjoni ta' investituri istituzzjonali***;

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi s-settur tad-difiża għadu frammentat ħafna, strutturat madwar pagaturi kbar u ktajjen ta' sottokuntratturi fraġli, u dan jillimita l-fluss tal-flus ta' intrapriżi żgħar, li sikwit ikollhom jiffinanzjaw ir-rekwiżiti tal-kapital operatorju tagħhom permezz ta' riżorsi fit-tul;	H. billi s-settur tad-difiża għadu frammentat ħafna, strutturat madwar pagaturi kbar u ktajjen ta' sottokuntratturi fraġli, ***u ktajjen tal-valur sottożviluppati pan-Ewropej,*** u dan jillimita l-fluss tal-flus ta' intrapriżi żgħar, li sikwit ikollhom jiffinanzjaw ir-rekwiżiti tal-kapital operatorju tagħhom permezz ta' riżorsi fit-tul;

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	H a. billi t-tisħiħ tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea jirrikjedi trajettorja progressiva li tagħti valur lill-

	ispeċifiċitajiet produttivi u industrijali tal-Istati Membri, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-investiment, l-impjiegi u l-kompetittività, u biex jiġu evitati żbilanċi eċċessivi li jistgħu jimminaw l-ekwilibriju tas-swieq nazzjonali u tas-suq intern;

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi ***l-BEI mmobilizza kważi EUR 1 biljun fl-2024 biex jappoġġja s-self għal żmien qasir lill-SMEs u għandu*** l-għan li jimmobilizza EUR 2 biljun fl-2025; billi huwa diġà alloka EUR 13-il biljun għad-difiża mill-2017 u jippjana li jalloka EUR 6 biljun addizzjonali sal-2027, filwaqt li jespandi l-attivitajiet tiegħu biex jinkludu proġetti b'użu doppju u filwaqt li jiżviluppa strumenti finanzjarji ġodda;	I. billi ***l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) ipprijoritizza s-settur tas-sigurtà u tad-difiża, adatta l-kriterji ta' self tiegħu kif ukoll il-proċessi interni tiegħu u ħoloq punt uniku ta' servizz għall-appoġġ finanzjarju għas-sigurtà u d-difiża, jiġifieri l-Uffiċċju għas-Sigurtà u d-Difiża; billi l-BEI mmobilizza kważi EUR 1 biljun fl-2024 u kellu*** l-għan li jimmobilizza ***rekord ta'*** EUR 2 biljun fl-2025 ***iżda fil-fatt diġà laħaq EUR 3 biljun***; billi huwa diġà alloka EUR 13-il biljun għad-difiża mill-2017 u jippjana li jalloka EUR 6 biljun addizzjonali sal-2027, filwaqt li jespandi l-attivitajiet tiegħu biex jinkludu proġetti b'użu doppju u filwaqt li jiżviluppa strumenti finanzjarji ġodda; ***billi l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni b'użu doppju fil-livell tal-UE ġiet enfasizzata mir-rapport Niinistö;***

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi fl-2023, ***fost l-investimenti diretti barranin*** (IDB) notifikatifil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni Ewropea ta' skrinjar tal-IDB, ***madwar 39 każ ġew eżaminati bir-reqqa, li kkonċernaw b'mod partikolari s-setturi***	J. billi fl-2023, ***madwar 39 każ ta' investiment dirett barrani*** (IDB) notifikati***għaddew minn riežami fil-fond*** fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni Ewropea ta' skrinjar tal-IDB, ***fejn is-setturi*** tad-difiża u tal-

tad-difiża u tal-ajrunawtika[4];	ajrunawtika ***ġew affettwati b'mod speċjali***[4];
4 https://circabc.europa.eu/ui/group/be8b568f-73f3-409c-b4a4-30acfcec5283/library/a27a9d61-a090-4637-99e0-1d2673b7d719/details?download=true	4 https://circabc.europa.eu/ui/group/be8b568f-73f3-409c-b4a4-30acfcec5283/library/a27a9d61-a090-4637-99e0-1d2673b7d719/details?download=true

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	K a. billi hemm ħtieġa urġenti li jiżdied l-investiment Ewropew relatat mad-difiża, b'mod partikolari biex jissaħħu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-Ewropa billi jiġu appoġġjati l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji u kapaċitajiet b'użu doppju li jsaħħu l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika kontra t-theddid ibridu, l-attakki ċibernetiċi, u riskji oħra għall-istabbiltà ekonomika u tas-soċjetà, permezz tal-baġit tal-Unjoni, filwaqt li tiġi kkomplementata u stimulata ż-żieda fl-infiq fid-difiża tal-Istati Membri;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-investiment pubbliku tal-Istati Membri fid-difiża ***jiġi appoġġjat u ggwidat b'mod aħjar***	L-investiment pubbliku tal-Istati Membri fid-difiża ***u l-isforzi nazzjonali tagħhom jiġu appoġġjati***

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' l-proposti tal-pjan "ReArm Europe" li għandhom l-għan li joffru aktar flessibbiltà baġitarja lill-Istati Membri, ***b'mod partikolari l-faċilità ta' self mill-istrument*** "Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa" ***ta' EUR 150 biljun; jiddispjaċih***, madankollu, li ***l-Kummissjoni bbażat dan l-istrument fuq l-Artikolu 122 tat-TFUE, u b'hekk eskludiet il-konsultazzjoni mal-Parlament, u dan jimpedixxi l-monitoraġġ u l-kontroll tal-fondi u jirriskja li jwessa' d-disparitajiet bejn l-Istati Membri***; ***jappella lill-Kummissjoni ma tapplikax aktar dan l-artikolu għall-oqsma l-oħra tal-pjan "ReArm Europe", kif ukoll għal kwistjonijiet oħra relatati mal-finanzjament tad-difiża***;	2. Jilqa' l-proposti tal-pjan "ReArm Europe" li għandhom l-għan li joffru aktar flessibbiltà baġitarja lill-Istati Membri, ***inkluż l-istrument*** "Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa" ***biex jitħeġġeġ aktar infiq fid-difiża u tissaħħaħ l-EDTIB***; ***iqis, madankollu, li jrid isir aktar biex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet ta' finanzjament identifikati mir-rapport Draghi, u li se jkunu meħtieġa sforzi ta' investiment addizzjonali enormi biex l-UE tkun tista' tikseb l-awtonomija strateġika; jenfasizza li l-finanzjament għandu jkun ibbażat fuq aċċess iffaċilitat għal kapital privat, kontribuzzjonijiet nazzjonali, marġnijiet baġitarji eżistenti, jew mekkaniżmi alternattivi li jirrispettaw ir-responsabbiltà fiskali, u li l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-aċċess għal tali finanzjament jipproteġu l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li kwalunkwe involviment ta' entitajiet li għandhom sidien benefiċjarji minn pajjiżi terzi jew pajjiżi kandidati għandu jkun f'konformità mal-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża maqbula b'mod konġunt mill-Istati Membri fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)***;

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni tapplika spiss l-Artikolu 122 tat-TFUE dwar kwistjonijiet ta' dejn komuni tal-Unjoni Ewropea, bħall-"Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa", li eskludiet il-konsultazzjoni mal-Parlament, u b'hekk qed tipprevjeni l-monitoraġġ u l-kontroll tal-fondi u qed tirriskja li taggrava d-disparitajiet bejn l-Istati Membri;

jenfasizza li l-istrumenti finanzjarji u l-programmi ta' nfiq kollha relatati mad-difiża, inklużi dawk fl-ambitu tal-pjan "ReArm Europe", iridu jibqgħu soġġetti għal skrutinju baġitarju sħiħ mill-Parlament f'konformità mal-Artikolu 314 tat-TFUE; jinsisti li l-Kummissjoni toqgħod lura milli tapplika l-Artikolu 122 tat-TFUE għal oqsma oħra tal-pjan "ReArm Europe", kif ukoll għal kwistjonijiet oħra ta' finanzjament tad-difiża;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jenfasizza l-importanza ta' approċċ Ewropew ikkoordinat li jappoġġja l-investiment fi prijoritajiet komuni, isegwi kunċett usa' ta' sigurtà, kunċett li jinkludi kemm objettivi relatati mad-difiża kif ukoll mar-reżiljenza, u li jinkludi l-mobilizzazzjoni effettiva tal-baġits nazzjonali u l-kapital privat; jissottolinja li l-flessibbiltà fil-qafas fiskali għandha tiġi applikata b'mod konsistenti ma' finanzi pubbliċi sodi u sostenibbiltà tad-dejn fit-tul; josserva l-użu limitat u mhux uniformi tal-klawżola liberatorja nazzjonali (NEC) u jinnota li, minkejja tali flessibbiltà, diversi Stati Membri għadhom qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet fil-kapaċità fiskali tagħhom biex jissodisfaw l-eżiġenzi u jirrispondu b'mod effettiv għall-prijoritajiet kondiviżi u li Stati Membri oħra qagħdu lura milli japplikaw il-NEC minħabba tħassib dwar ir-reazzjoni tas-swieq finanzjarji; jirrikonoxxi li l-NEC hija strument temporanju għal emerġenzi speċifiċi għall-pajjiż, filwaqt li ppjanar sostnut tal-investiment jirrikjedi prevedibbiltà fit-tul; jenfasizza li kundizzjonijiet fiskali u regolatorji prevedibbli huma essenzjali biex jiġi attirat l-investiment privat u biex

jiġi żgurat l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi madwar l-Unjoni; jemmen li dan il-qafas, fejn xieraq, għandu jissaħħaħ permezz ta' strumenti u għodod ta' investiment fil-livell tal-UE mfassla biex inaqqsu kemm jista' jkun il-kost għall-kontribwenti tal-UE u jimmassimizzaw l-effiċjenza fil-forniment ta' beni pubbliċi Ewropej;

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jenfasizza li għalkemm l-infiq fuq ir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tad-difiża fl-UE laħaq EUR 13-il biljun fl-2024, xorta jirrappreżenta sehem modest tan-nefqa totali meta mqabbel mal-kompetituri globali; jistieden lill-Kummissjoni tiddedika proporzjon akbar tal-Fond Ewropew għad-Difiża u strumenti relatati għal teknoloġiji rivoluzzjonarji u b'użu doppju (pereżempju l-IA, iċ-ċiberteknoloġija, it-teknoloġija kwantitistika u t-teknoloġija spazjali), filwaqt li tiżgura li r-riżultati jkunu skalabbli għall-użu operazzjonali; jissottolinja li s-sinerġiji ma' programmi ta' innovazzjoni ċivili bħal Orizzont Ewropa u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni għandhom jissaħħu biex jiġi massimizzat l-impatt u tiġi evitata d-duplikazzjoni;

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jitlob li jiġu estiżi l-opportunitajiet ta' finanzjament mill-fondi Ewropej, inkluż permezz tal-Fond għall-Ġestjoni

	Integrata tal-Fruntieri, biex tiġi appoġġjata t-tħejjija tal-inġinerija ta' żoni tal-fruntiera f'pajjiżi mhedda minn attivitajiet ibridi u aggressjoni armata konvenzjonali minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari fl-Istati Membri li jinsabu fil-parti tal-Lvant u fil-parti tal-Mediterran tal-Unjoni Ewropea; jissottolinja f'dan il-kuntest li l-inizjattiva "Tarka tal-Lvant" tikkostitwixxi proġett ewlieni biex jissaħħu s-sigurtà u r-reżiljenza tal-fruntiera tal-Lvant tal-Unjoni u jappella għall-finanzjament adegwat tagħha permezz tal-istrumenti tal-Unjoni bħala element ewlieni tal-pożizzjoni ġenerali tad-difiża tal-Unjoni;

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappella lill-Kummissjoni biex tikkonsolida u tikkjarifika l-pakkett "difiża" previst fil-QFP 2028-2034, u tesplora l-għażliet kollha biex tappoġġja l-investimenti fid-difiża tal-Istati Membri ***mingħajr ma jiżdiedu l-kontributi jew it-tassazzjoni tagħhom, b'mod partikolari permezz tal-mekkaniżmi eżistenti***;	4. Jappella lill-Kummissjoni biex tikkonsolida u tikkjarifika l-pakkett "difiża" previst fil-QFP 2028-2034, u tesplora l-għażliet kollha biex tappoġġja l-investimenti fid-difiża tal-Istati Membri***, inkluż it-tisħiħ tal-fruntiera tal-Lvant tan-NATO, tal-Mediterran u tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed***;

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. ***Jiddispjaċih li l-politika ta' investiment*** tal-BEI ***għadha teskludi l-"armi u l-munizzjon"***; jitlob, fl-interessi ta' konsistenza mal-pjan "ReArm Europe", li l-BEI jsaħħaħ l-impenn tiegħu favur l-industrija tad-difiża Ewropea; ***jissuġġerixxi li l-mandat tiegħu jiġi estiż formalment biex jinkludi l-appoġġ tal-EDTIB fi ħdan***	5. ***Ifakkar li l-objettiv*** tal-BEI ***huwa li jrawwem l-integrazzjoni Ewropea, jippromwovi l-iżvilupp tal-UE u jappoġġja l-politiki tal-UE f'konformità mal-Artikolu 309 tat-TFUE; jilqa' l-approċċ proattiv tal-BEI biex jiżdied il-finanzjament fil-qasam Ewropew tas-sigurtà u d-difiża; madankollu, jinnota li***

sussidjarja speċjalizzata, appoġġjat minn garanziji tal-Kummissjoni u appoġġjat minn ***network ta' esperti***; ***iqis li tali struttura tikkostitwixxi soluzzjoni aktar effettiva mill-ħolqien ta' "bank ta' difiża, sigurtà u reżiljenza" ġdid, kif propost fir-riżoluzzjoni dwar il-White Paper dwar il-futur tad-Difiża Ewropea***;

l-politika ta' investiment tagħha għadha teskludi "l-armi u l-munizzjon" u li l-interventi tagħha s'issa għadhom ma ssodisfawx il-ħtiġijiet u l-aspettattivi espressi mill-kumpaniji tad-difiża Ewropej; jitlob, ***f'dan ir-rigward u*** fl-interessi tal-konsistenza mal-pjan "ReArm Europe", li l-BEI ***jkompli*** jsaħħaħ l-impenn tiegħu favur l-industrija tad-difiża Ewropea ***u jirrevedi l-linji gwida ta' investiment tiegħu sabiex jippermetti finanzjament għal proġetti leġittimi ta' akkwist fil-qasam tad-difiża li jkunu konformi mad-dritt internazzjonali u mal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni; jinnota li riżervi possibbli lejn estensjoni ulterjuri tal-politika ta' self tal-BEI u l-kriterji ta' eliġibbiltà għat-tagħmir militari minħabba riskju perċepit ta' rtirar mill-investituri li jipperikola l-istabbiltà finanzjarja tal-BEI jridu jkunu appoġġjati*** minn ***ġustifikazzjoni komprensiva peress li t-titjib tal-istat ta' tħejjija tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha hija prijorità politika tal-UE; jistieden lill-BEI jwettaq u jipprovdi lill-Parlament Ewropew b'valutazzjoni dettaljata tal-politika tal-investituri tiegħu fir-rigward tal-investimenti fid-difiża u l-impatt ta' rtirar possibbli ta' dawn l-investimenti fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-BEI mingħajr, fejn applikabbli, ma jikkomprometti l-ftehimiet ta' kunfidenzjalità tiegħu mal-investituri tiegħu***;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jissuġġerixxi li l-BEI għandu jirrifletti u jevalwa kontinwament ir-rwol tiegħu, kif ukoll l-ambitu tal-investimenti eliġibbli, fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li tingħata spinta lis-settur Ewropew tad-difiża u li jiġu żgurati sigurtà u awtonomija strateġika fit-tul; iwissi li

	kwalunkwe aġġustament għall-kriterji ta' eliġibbiltà jew finanzjament tal-Grupp tal-BEI sabiex jallinja mal-prijoritajiet il-ġodda jrid jissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja tal-grupp u jiżgura finanzjament effettiv ta' prijoritajiet strateġiċi oħra tal-UE;

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza l-importanza li jitjiebu l-aċċessibbiltà u l-konsistenza tal-fondi Ewropej ta' appoġġ għall-investiment għall-intrapriżi tal-EDTIB billi jiġu adattati l-kriterji ta' eliġibbiltà, billi jiġu simplifikati l-proċeduri ta' applikazzjoni u billi jiġu armonizzati l-objettivi tal-programmi ta' ħidma; jistieden lill-Istati Membri jinfurzaw ir-rwol tal-kmamar tal-kummerċ u tal-industriji tagħhom fl-appoġġ tal-SMEs tal-EDTIB fir-riċerka tagħhom u fl-aċċess għall-finanzjament tal-UE;	6. Jenfasizza l-importanza li jitjiebu l-aċċessibbiltà u l-konsistenza tal-fondi Ewropej ta' appoġġ għall-investiment għall-intrapriżi tal-EDTIB***, b'mod partikolari l-istart-ups u l-SMEs,*** billi jiġu adattati ***progressivament il-kriterji*** ta' eliġibbiltà ***fir-rigward tal-ambizzjoni deskritta fl-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea***, billi jiġu simplifikati l-proċeduri ta' applikazzjoni***, jiġi mħeġġeġ ix-xiri ta' blokok pluriennali biex l-industrija tingħata domanda prevedibbli u kostijiet unitarji aktar baxxi,*** u billi jiġu armonizzati l-objettivi tal-programmi ta' ħidma***, billi tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-ħtiġiejiet, l-iskala u l-kapaċitajiet amministrattivi tal-SMEs u tan-negozji ġodda***; jistieden lill-Istati Membri jinfurzaw ***b'mod sinifikanti r-rwol*** tal-kmamar tal-kummerċ u tal-industriji tagħhom fl-appoġġ ***tal-istart-ups u*** l-SMEs tal-EDTIB fir-riċerka tagħhom u fl-aċċess għall-finanzjament tal-UE;

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jipproponi li jiġi żviluppat strument li jappoġġja l-investiment

pubbliku u privat fil-qasam tad-difiża abbażi ta' garanziji mill-baġit tal-UE fuq l-eżempju ta' InvestEU;

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jissottolinja l-importanza li jiġu żviluppati oqfsa ta' appoġġ komprensivi li jippermettu lill-SMEs li joperaw fl-industrija tad-difiża jespandu aktar malajr, b'attenzjoni partikolari għall-iffaċilitar tal-aċċess għat-tkabbir tal-kapital, l-appoġġ għall-iżvilupp, l-ittestjar u l-evalwazzjoni tal-prodotti; jirrikonoxxi l-importanza li tissaħħaħ il-kapaċità tal-SMEs li jevolvu f'kuntratturi ewlenin billi jtejbu l-kapaċità tagħhom li jakkwistaw komponenti, itejbu l-inġinerija tal-manifattura u jintegraw l-awtomatizzazzjoni avvanzata sabiex iżidu l-produzzjoni;

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Iqis il-fondi bankarji użati f'self, garanziji u portafolli ta' likwidità ta' kwalità għolja bħala essenzjali għal maturitajiet ta' terminu twil fl-infiq għad-difiża li se jipprovdu prevedibbiltà u stabbiltà; itenni li l-aċċellerazzjoni tat-tlestija tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti tgħin biex jiġi mobilizzat il-kapital privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament;

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Osservatorju tal-Pagamenti tal-UE jwettaq studju dwar il-konformità mal-iskadenzi tal-pagamenti fl-EDTIB meta mqabbla ma' fergħat oħra tal-industrija, u jikklassifika l-intrapriżi l-aktar rigoruż f'dan ir-rigward;	***imħassar***

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-BEI, bl-appoġġ tal-Istati Membri, jikseb ċifra ta' EUR 4 biljun għal self ta' terminu qasir, b'garanziji ta' riskju sa 50 %, u jitlob laxkar u simplifikazzjoni tal-kriterji tal-impenn tal-BEI fil-qasam tad-difiża, kif ukoll estensjoni tal-eliġibbiltà għal sottokuntratturi indiretti;	8. Jistieden lill-BEI, bl-appoġġ tal-Istati Membri, jikseb ċifra ta' EUR 4 biljun għal self ta' terminu qasir, b'garanziji ta' riskju sa 50 %, u jitlob laxkar u simplifikazzjoni tal-kriterji tal-impenn tal-BEI fil-qasam tad-difiża, kif ukoll estensjoni tal-eliġibbiltà għal sottokuntratturi indiretti***, filwaqt li jiżgura li kwalunkwe finanzjament tali ma jikkontradix il-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża maqbula b'mod konġunt mill-Istati Membri fil-qafas tal-PESK, inklużi relazzjonijiet tajbin ta' viċinat, biex jinżamm allinjament strateġiku***;

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura ċarezza legali shiħa u ċertezza għall-investituri, billi telimina ambigwitajiet interpretattivi u tiżgura kundizzjonijiet ekwi għas-settur tad-difiża;

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Iż-żieda tal-kapaċità ta' investituri privati biex jiffinanzjaw id-difiża ***permezz tal-iżgurar tal-kompatibbiltà tagħha mal-finanzjament sostenibbli***	Iż-żieda tal-kapaċità ta' investituri privati biex jiffinanzjaw id-difiża

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li, minkejja l-isforzi li saru mill-bidu tal-gwerra fl-Ukrajna, ħafna investituri jibqgħu jżommu lura milli jiffinanzjaw is-settur tad-difiża minħabba ***interpretazzjoni stretta*** tal-istandards ambjentali, soċjali u ta' governanza ***(ESG)***, kif ukoll minħabba r-riskju għar-reputazzjoni; ***jistieden lill-atturi finanzjarji jtejbu l-proficjenza tagħhom fl-analizzar u l-proċessar tal-finanzjament relatat mad-difiża***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***żżid*** l-isforzi ***tagħha li tagħti*** informazzjoni u ***tqajjem*** kuxjenza rigward il-finanzjament tal-EDTIB;	9. Jinnota li, minkejja l-isforzi li saru mill-bidu tal-gwerra fl-Ukrajna, ħafna investituri jibqgħu jżommu lura milli jiffinanzjaw is-settur tad-difiża***, inkluż*** minħabba ***inċertezza fl-applikazzjoni*** tal-istandards ambjentali, soċjali u ta' governanza kif ukoll ***peress li l-EDTIB għadha qed tiġi diskriminata fis-swieq finanzjarji*** minħabba r-riskju għar-reputazzjoni; ***ifakkar li ħafna teknoloġiji tad-difiża għandhom użu doppju fin-natura tagħhom u b'hekk jiġġeneraw vantaġġi konsegwenzjali sinifikanti għall-innovazzjoni ċivili u għall-ekonomija Ewropea f'sens ġenerali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-perċezzjonijiet negattivi persistenti dwar il-finanzjament tad-difiża, b'mod partikolari fis-settur bankarju***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jtejbu*** l-isforzi ***tagħhom li jagħtu*** informazzjoni u ***jqajmu*** kuxjenza rigward il-finanzjament tal-EDTIB***, sabiex jgħinu lill-atturi finanzjarji itejbu l-proficjenza tagħhom fl-analiżi u l-ipproċessar tal-finanzjament relatat mad-difiża***;

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq jissostitwixxu l-kunċett ta' "***armi kontroversjali***" b'dak ta'*** "armi pprojbiti"***, f'konformità mad-definizzjoni stabbilita fl-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2025/[…]***, adottat bħala parti mill-Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża; ***jenfasizza*** li din id-definizzjoni hija limitata għall-armi espressament ipprojbiti taħt konvenzjonijiet internazzjonali vinkolanti; ***jistieden lill-atturi finanzjarji privati jillimitaw l-esklużjonijiet tagħhom għal din il-lista konsolidata u jippubblikaw il-politiki ta' investiment tagħhom; jipproponi li l-inklużjoni fil-finanzjament Ewropew ta' atturi li l-politiki ta' investiment tagħhom immorru lil hinn minn din l-esklużjoni tkun riveduta abbażi ta' każ b'każ***;	10. ***Jirrikonoxxi r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (...) li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/1818 fir-rigward tad-definizzjoni ta'*** armi kontroversjali ***li jissostitwixxi l-kunċett ta' "armi kontroversjali" b'dak ta'*** "armi pprojbiti" adottat bħala parti mill-Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża; ***jirrileva*** li din id-definizzjoni hija limitata għall-armi espressament ipprojbiti taħt konvenzjonijiet internazzjonali vinkolanti; ***jilqa' l-importanza tal-kjarifiki legali fil-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni fil-finanzjament tad-difiża, inklużi fl-Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża***;

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Ifakkar li l-qafas ta' finanzjament sostenibbli għandu l-għan li jidderieġi l-flussi kapitali lejn attivitajiet sostenibbli filwaqt li ma jimponix limitazzjonijiet fuq il-finanzjament tas-settur tad-difiża kif affermat mill-ġdid pubblikament mill-Kummissjoni; jieħu nota f'dan ir-rigward tal-Avviż tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2025 dwar l-applikazzjoni tal-qafas ta' finanzjament sostenibbli u tad-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta Korporattiva tas-Sostenibbiltà għas-settur tad-difiża li jikkonferma li l-qafas ta' finanzjament sostenibbli tal-UE huwa kompatibbli mal-investiment fis-settur tad-difiża u jissottolinja li d-

	divulgazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà japplikaw orizzontalment fl-industriji kollha;

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iqis li huwa essenzjali li jiġi appoġġjat suq Ewropew ta' investituri speċjalizzati li joffri kontinwità ta' finanzjament (kreditu, dejn privat u ekwità) lill-intrapriżi tal-EDTIB fl-istadji kollha (start-ups, SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja); jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni u tal-BEI li tiġi stabbilita l-"Faċilità tal-Ekwità tad-Difiża" b'baġit ta' EUR 175 miljun għall-perjodu 2024-2027; ***iħeġġeġ*** lill-BEI jgħolli dan il-baġit għal EUR 1 biljun sabiex jissodisfa b'mod aħjar il-bżonnijiet ta' ekwità tal-EDTIB u tal-katina tal-valur tagħha;	12. Iqis li huwa essenzjali li jiġi appoġġjat suq Ewropew ta' investituri speċjalizzati li joffri kontinwità ta' finanzjament (kreditu, dejn privat u ekwità) lill-intrapriżi tal-EDTIB ***u tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ukrena (DTIB)*** fl-istadji kollha (start-ups, SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja); jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni u tal-BEI li tiġi stabbilita l-"Faċilità tal-Ekwità tad-Difiża" b'baġit ta' EUR 175 miljun għall-perjodu 2024-2027; ***iqis li dan il-fond huwa kompletament insuffiċjenti fid-dawl tal-bżonnijiet ta' finanzjament u jistieden*** lill-BEI ***jikkonforma max-xewqat tal-Istati Membri, kif imtenni fil-konklużjonijiet tal-Kunsill, billi*** jgħolli dan il-baġit għal EUR 1 biljun sabiex jissodisfa b'mod aħjar il-bżonnijiet ta' ekwità tal-EDTIB u tal-katina tal-valur tagħha***, b'attenzjoni partikolari għal atturi iżgħar li qed jiffaċċjaw l-akbar diskrepanza fil-finanzjament; iħeġġeġ lill-BEI jestendi dan l-istrument għad-DTIB tal-Ukrajna, kif ukoll ifassal dan l-istrument biex irawwem sħubijiet u impriżi konġunti bejn l-EDTIB u l-impriżi tad-DTIB Ukrena; jissottolinja li l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-aċċess għal tali finanzjament jipproteġu l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha***;

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra ***li tillaxka r-regoli tal-antitrust sabiex tiġi ffaċilitata l-konsolidazzjoni intra-Ewropea f'każijiet fejn intrapriżi ta' difiża strateġika jittieħdu taħt kontroll Ewropew***; jistieden, ***fl-istess ħin***, lill-Istati Membri jsaħħu l-kontrolli tagħhom fuq l-investimenti diretti minn atturi ***barranin***;	13. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra ***l-istat ta' prontezza tad-difiża, is-sigurtà tal-provvista, l-awtonomija strateġika tal-UE, il-potenzjal ta' tisħiħ tal-innovazzjoni u t-tnaqqis tad-dipendenzi fuq pajjiżi terzi fl-infurzar tal-kompetizzjoni tagħha***; jistieden, ***simultanjament***, lill-Istati Membri jsaħħu l-kontrolli tagħhom fuq l-investimenti diretti minn atturi barranin;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jenfasizza s-sinifikat ta' swieq kapitali li jiffunzjonaw tajjeb għall-finanzjament tad-difiża; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaċċelleraw il-progress fl-aġenda tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali/Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, speċifikament billi jittejjeb l-aċċess għall-ekwità, il-kapital ta' riskju u l-finanzjament għall-SMEs fis-settur tad-difiża; jissottolinja li l-Unjoni tas-Swieq Kapitali/l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti hija strumentali biex jiżdied il-finanzjament tad-difiża;

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jisħaq fuq l-importanza li jitħaffef il-progress fit-tlestija tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti bl-għan li tiġi appoġġjata sistema finanzjarja tal-UE aktar profonda, aktar likwida u aktar integrata li twassal l-iffrankar b'mod

aktar effiċjenti f'investimenti produttivi bħall-industrija tad-difiża tal-UE; jenfasizza li l-industrija tad-difiża tal-UE jeħtieġ li żżid b'mod sostanzjali l-kapaċità tagħha li tissodisfa ż-żieda enormi fid-domanda għal prodotti militari;

Emenda 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jilqa' t-tnedija tat-tikketta "Finance Europe"; jinnota li din it-tikketta, li għandha l-għan li tidderieġi t-tfaddil privat lejn investimenti ***fit-tul*** fl-ekonomija reali tal-Ewropa, tippromwovi l-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma ta' intrapriżi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tappoġġja din l-inizjattiva billi tipproponi tikketta Ewropea bħala parti mill-Unjoni ***Ewropea tat-tfaddil u tal-investimenti***;	14. Jilqa' t-tnedija tat-tikketta "Finance Europe"; jinnota li din it-tikketta, li għandha l-għan li tidderieġi t-tfaddil privat lejn investimenti fl-ekonomija reali tal-Ewropa, tippromwovi l-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma ta' intrapriżi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja din l-inizjattiva billi tipproponi tikketta Ewropea bħala parti mill-Unjoni ***tat-Tfaddil u tal-Investimenti filwaqt li tiżgura li ma toħloqx piż amministrattiv addizzjonali***;

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jilqa' r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kontijiet ta' tfaddil u ta' investiment (SIAs); jenfasizza li l-SIAs għandhom l-għan li jagħtu spinta lill-parteċipazzjoni bl-imnut fis-swieq kapitali tal-UE, u b'hekk jikkontribwixxu għall-approfondiment tagħhom u jippermettu żieda fil-bażi tal-investituri tal-UE li tgħin fil-finanzjament tal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE, inkluża d-difiża; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja din l-inizjattiva; u jistieden lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar iż-żieda tad-disponibbiltà tal-kontijiet ta' tfaddil u ta'

investiment;

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jilqa' l-ħidma li għaddejja bl-għan li jintużaw l-assi ffriżati Russi biex jiġu ffinanzjati l-isforzi ta' difiża tal-Ukrajna, filwaqt li jiġi indirizzat it-tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja u l-litigazzjoni.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li fir-rapport tagħha ma inkludietx kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	5.11.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 34 - : 8 0 : 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Georgios Aftias, Rasmus Andresen, Stephen Nikola Bartulica, Isabel Benjumea Benjumea, Gilles Boyer, Giovanni Crosetto, Fabio De Masi, Siegbert Frank Droese, Marco Falcone, Markus Ferber, Jonás Fernández, Claire Fita, Dirk Gotink, Michalis Hadjipantela, Eero Heinäluoma, Jaroslav Knot, Aurore Lalucq, Rada Laykova, Marlena Maląg, Jorge Martín Frías, Costas Mavrides, Fernando Navarrete Rojas, Denis Nesci, Luděk Niedermayer, Ľudovít Ódor, Nikos Papandreou, Gaetano Pedulla', Kira Marie Peter-Hansen, Sirpa Pietikäinen, Pierre Pimpie, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jussi Saramo, Paulius Saudargas, Ralf Seekatz, Irene Tinagli, Pasquale Tridico, Lara Wolters, Stéphanie Yon-Courtin
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marc Botenga, Hanna Gronkiewicz-Waltz, Fernand Kartheiser, Arba Kokalari, Morten Løkkegaard, Marco Squarta, Mariateresa Vivaldini
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Jaroslav Bžoch, Ana Catarina Mendes, Dan-Ştefan Motreanu, Birgit Sippel

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

34	+
ECR	Bartulica Stephen Nikola, Crosetto Giovanni, Nesci Denis, Squarta Marco, Vivaldini Mariateresa
PPE	Aftias Georgios, Benjumea Benjumea Isabel, Falcone Marco, Ferber Markus, Gotink Dirk, Gronkiewicz-Waltz Hanna, Hadjipantela Michalis, Kokalari Arba, Motreanu Dan-Stefan, Navarrete Rojas Fernando, Niedermayer Ludek, Pietikäinen Sirpa, Saudargas Paulius, Seekatz Ralf
Renew	Boyer Gilles, Løkkegaard Morten, Ódor Ludovít, Yon-Courtin Stéphanie
S&D	Fernández Jonás, Fita Claire, Heinäluoma Eero, Lalucq Aurore, Mavrides Costas, Mendes Ana Catarina, Papandreou Nikos, Sippel Birgit, Tinagli Irene, Wolters Lara
The Left	Saramo Jussi

8	-
ESN	Droese Siegbert Frank, Laykova Rada
NI	De Masi Fabio, Kartheiser Fernand
The Left	Botenga Marc, Pedulla' Gaetano
Verts/ALE	Andresen Rasmus, Peter-Hansen Kira Marie

7	0
ECR	Malag Marlena
PfE	Bzoch Jaroslav, Knot Jaroslav, Martín Frías Jorge, Pimpie Pierre, Pokorná Jermanová Jaroslava
The Left	Tridico Pasquale

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni